# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## CHAIRPERSON: Dr. Yana Micallef Stafrace

## Decizjoni Numru: 2374

Kaz Nru.: 3078/YMS

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Donald Vella (ID 295271M)

vs

Valletta Fund Services Limited (C39623)

Illum it-Tnejn, 16 ta' Marzu, 2015

**It-TRIBUNAL**

I PRELIMINARI

1. Dan il-kaz jaf l-origini tieghu lil zewg ittri mibghuta mill-*employers* ta' Donald Vella. Ittra datata 30 t'Awwissu, 2012, mibghuta lilu minn Joseph M Camilleri, Executive Head, *Human Resources* li tgharrfu li fid-19 t'Awwissu, 2012, kien ezawrixxa s-*sick leave* ta' 6 xhur b'paga shiha u 6 xhur ohra b'nofs paga u ghalhekk jekk ma kienx ser jirraporta ghax-xoghol it-Tnejn, 3 ta' Settembru, 2012, kien jitqies "as having abandoned your employment and in breached your contract of employment". Giet wara t-tieni ittra datata 3rd September, 2012, minn Kenneth Farrugia, Chief Officer, Valletta Fund Services Limited li, waqt li semmiet l-ewwel ittra u li Donald Vella ma dahalx ghax-xoghol qalet li "the Company is considering such absence as you have abandoned your employment which is therefore being terminated with effect from the date of this letter.

2. Gie mbaghad ir-rikors ta' Donald Vella li ntavola f'dan it-TRIBUNAL, datat 24 t'Ottubru, 2012, li fih irrifera ghaz-zewg ittri msemmija. Qal li kien ilu mpjegat mall-kumpanija appellata mill-1999 u t-tkeccija tieghu hi ngusta billi

   (1) Ma nghatat ebda raguni valida;
   (2) Ir-raguni moghtija hija diskriminatorja, nfondata fil-fatt u fid-dritt, ma tinkwadrax ruhha fil-parametri tal-ligi u ghalhekk hi nulla;

(3) Hu dejjem hadem b'mod ezemplari;
(4) Din it-tkeccija saret meta kien qed isofri minn stat mediku ta' dipressjoni u t-tkeccija ggravatlu dan l-istat;
(5) Wara din it-tkeccija hu ma jistax jibqa' jibbenifika minn rata ta' mghax ridott fuq il-*home loan* u mid-diversi units fl-iskema ta' nvestiment li fiha jippartecipaw l-impjegati tas-socjeta' appellata;
(6) Rinfaccjat bit-tkeccija ma jistax jibqa' jhallas il-pagamenti mensili fuq il-*home loan*.

3. Wara dawn ir-ragunijiet premessi **talab** li t-TRIBUNAL **jiddikjara** li t-tkeccija hi ngusta u bla ebda bazi fil-ligi u li **jordna** lil Valletta Fund Services Limited li thallsu kumpens finanzjarju xieraq kif likwidat mit-TRIBUNAL u dana biex jaghmel tajjeb ghat-tkeccija u l-konsegwenzi. Bl-ispejjes u riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-appellant.

4. Il-Kumpanija Ntimata ressqet RISPOSTA u DIKJARAZZJONI fid-19 ta' Novembru, 2012, fejn bdiet biex issostni li kellha raguni valida ghat-tkeccija.

5. Wara li elenkat x'wassal ghat-tkeccija, ssemmiet telefonata mill-GWU ghan-nom tar-Rikorrent. Qalet li Vella ghamel abbuz mis-sistema tas-*sick leave* u kien anke moghti twissijiet verbali u bil-miktub (tnejn, "Letter of Warning" datati rispettivament 25/4/2012 u 14/5/2012 esibiti). Zdied li hu naqas ukoll mill-obbligi tieghu fejn jidhlu beneficcji lill-impjegati. Ir-Rikorrent kien negligenti, skarta minn fuq ix-xoghol u dana anke biex jaghmel xoghol privat.

6. Finalment il-Kumpanija **talbet** decizjoni li t-terminazzjoni tal-impieg saret ghal raguni valida fil-ligi u allura mhu dovut ebda kumpens. Ulterjorment, kwalsiasi konsegwenzi huma konsegwenzali ghat-terminazzjoni u t-talba fir-rigward ghandha tigi michuda.

II PROVI

1. Kif mistenni hawn jingieb sunt ta' dak li ghandu quddiemu t-TRIBUNAL li jitqies fl-isfond u flimkien ma' dak kollu migjub quddiemu u li jinsab fil-process.

2. **Kenneth Farrugia**, Chief Officer mas-Socjeta' Ntimata b'affidavit (Dok KF) elenka hekk u ta' xi dettalji dwar in-negligenzi rapportati lilu dwar ir-Rikorrent:-
(i) Ftuh tard tal-ufficcju tal-kumpanija
(ii) Dewmien esagerat fil-qadi tad-dmirijiet
(iii) Traskuragni
(iv) Attitudni Inaccettabbli

(v) Tluq mill-post tax-xoghol qabel il-hin
(vi) Ammonizzjonijiet verbali maghmula mix-xhud re 1-(5)

3. **Joseph Camilleri**, Chief Officer, Human Resources mall-Bank of Valletta plc u jaghti servizz ukoll lis-Socjeta' Ntimata qal li r-Rikorrent kien ilu fuq *sick leave* u fid-9/47/2012 kellu appuntament ma' Dr. David Attard (Dok PPB) li ma zammux. Meta sejjahlu dwar dan fit-13/4/2012, ir-Rikorrent qal li mar il-klinika imma t-tabib ma rahx u ottiena nota dwar dan mir-*receptionist* tal-klinika. Mitlub igib in-nota, baqa' ma gabhiex minkejja li tfakkar ghadd ta' drabi, anke bil-miktub.

4. Fit-30/8/2012 baghat ittra registrata lir-Rikorrent biex, billi fid-19/8/2012 kien ezawrixxa s-*sick leave* jidhol ghax-xoghol fit-3/9/2012. Fil-31/9/2012 cempillu Charles Galea tal-GWU u qallu li r-Rikorrent kien baqghalu 4 gimghat biex jezawrixxi s-*sick leave*. Ix-xhud spjega lis-Sur Galea li r-Rikorrent kien fuq *unpaid sick leave* u li dan kien ezawrit. Wara din l-ispjegazzjoni s-Sur Galea qallu li r-Rikorrent kien lest jidhol ghax-xoghol imma basta li l-post tax-xoghol ma jkunx il-Valetta Fund Services Ltd izda il-Bank of Valletta p.l.c. Irrisponda li dan ma setax isir ghax:-
(i) Kien hemm bzonnu mas-Socjeta' Ntimata;
(ii) Ir-Rikorrent hu mpjegat ma' din;
(iii) Iz-zewg kumpaniji huma separati;

Spiccaw biex is-Sur Galea qallu li kien ser jaghti parir lir-Rikorrent biex jidhol ghax-xoghol kif mitlub.

5. Meta xehed (udjenza tat-30/4/2013) qal il-Bank of Valletta ghandu *standard agreements* ma' klinici biex jirriferi ghandhom kazi ta' mard ta' mpjegati. Il-vista ssir fil-klinika jew f'dar l-impjegat skond ma jghid it-tabib. Huma ghamlu verifika (jidhirlu Peter Paul Borg) mall-klinika dwar jekk, f'dal-kaz ir-Rikorrent kienx mar, aktarx b'telefonata.

6. **Martin Farrugia,** Chief Operating Officer mas-Socjeta' Ntimata ta taghrif (affidavit Dok MF) dwar meta r-Rikorrent naqas jirraporta ghax-xoghol, dwar in-nuqqas (da parti tar-Rikorrent) ta' posta tal-kumpanija mhiex processata kif mitlub u "ammonizzjonijiet ohra".

7. Meta xehed (udjenza 28/5/2013) hu esibixxa 8 *warnings* (Dok VFS1-8) datati bejn it-12/6/2010 u 14/5/2012.

8. **Nadia Walker**, *Personal Ass to Chief Officer & Human Resources & Administration Officer* tas-Socjeta' Ntimata semmiet, fl-affidavit taghha n-negligenzi li r-Rikorrent kellu fuq il-post tax-xoghol. Qalet li bdiet tiehu hsieb l-HR fl-1/7/2012; ghalhekk hemm kienet meta gie terminat l-impieg tar-Rikorrent. Hi giet mitluba taghti dettalji fuq in-negligenzi li semmiet fl-affidavit.

9. **Maria Vella,** mpjegata mall-Bank of Valletta, xehdet (l-ewwel permezz tal-affidavit Dok MV u wara *viva voce*) dwar xi arretrati li r-Rikorrent kellu dwar *staff loans* u kien minn hawn li bdiet issegwi l-kaz tar-Rikorrent. Kienu baghtu ghalih biex jippruvaw jghinnuh halli ma jibqax jaqa' lura fuq il-*home loan*. Ir-Rikorrent, bhala mpjegat tas-Socjeta' Ntimata kellu l-beneficcji akkordati lill-impjegati u sejjhulu, kif jaghmlu ma' mpjegati ohra, meta jkun hemm xi *breach* tal-kondizzjonijiet. L-impjegati jridu jaghtu l-ezempju. Lir-Rikorrent kienet iccempillu kull xahar ghax kien jaqa' lura fil-hlas.

10. Meta ltaqghu mar-Rikorrent (ara Dok VFS5) ghax kien waqa' lura fil-hlas kien *on full pay* u fakkruh jew wissewh li kien fit-triq li jaqa' bil-*half pay*. Hi spjegat fhiex kienu l-beneficcji dwar il-*loans* mil-lat ta' mghax. Originarjament *point two five* (.25) li gholietlu meta waqa' lura u ziedet gholiet meta spicca mill-impieg. Jidhlu mbaghad tad-*Debt Collection.*

11. **Charles Galea** jahdem mall-Bank of Valletta u hu rapprezentant tal-GWU (ie tal-membri taghha fil-Bank u kumpaniji sussidjarji, bhal Valletta Fund Management). Lir-Rikorrent jafu bhala membru tal-GWU izda qatt ma hadem mieghu. Dan kellmu meta rcieva l-ittra li kienu ser jitterminawlu l-impieg. Dan "talabni biex jiena nintervjeni". Qallu li kien fadallu xi zmien ta' (bit-telefon) *sick leave.* Allura tkellem ma' Jos M. Camilleri tal-HR li "enfasizza" li r-Rikorrent kellu jidhol ghax-xoghol fid-data msemmija mill-Bank. Qal li s-*sick leave* ma jinhadimx fuq sena izda fuq span akbar, xi 4 snin. Imma "ifhem ma dhaltx daqshekk fid-dettal jiena". Lir-Rikorrent hu tah il-parir li ahjar jidhol ghax-xoghol kif ried il-Bank "u nehduha minn hemm". Dan ma dahalx u bhala raguni qal li kien ghadu bis-*sick leave*. Ir-Rikorrent kien staqsieh setax jirraporta l-BOV flok VFM.

12. In kontro-ezami qal li hu ma' Jos M. Camilleri qatt ma ltaqa' wicc imbwicc, pero' kellmu fuq ir-Rikorrent.

13. **Peter Paul Borg**, *HR Officer* qal li hu kien jiehu hsieb it-tobba tal-Bank u s-*sick leave*. Dwar ir-Rikorrent qal li s-Socjeta' Konvenuta gieli tatu

struzzjonijiet biex jibghatulu tabib u hekk sar. Meta hareg *sick leave* ghal zmien twil, baghtuh ghand konsulent taghhom u wara ghand konsulent indipendenti. It-tobba gieli qalu li ma sabuhx id-dar tieghu. Il-konsulent taghhom rah diversi drabi. Ir-Rikorrent kien jilmenta minn "ansjeta u xi *palpitations*". Il-konsulent kien jghidilhom jatu lir-Rikorrent ftit aktar zmien u wara rrakkomanda li jibghatuh ghand konsulent indipendenti, Dr. David Attard u dan kitbilhom li r-Rikorrent ma kienx mar. Kien hu responsabbli ghall-appuntamenti murija fid-Dok VFS 1 u 2.

14. Mistoqsi jekk Dr Attard qallux li kien hemm (fil-klinika f'Ta Qali) qallu li kien hemm il-hin kollu. Qalulu b'email. Meta tabib imur f'dar ta' mpjegat u ma jsibux, huma jgharrfu lill-Bank. S'hemm jaslu huma. Ikkonferma li n-nota li r-Rikorrent kellu jgibilhom, maghmula mir-*receptionist,* li Dr. Attard ma kienx hemm, ma waslet qatt. Din kellu jtiha lil Jos. M. Camilleri.

15. **<u>Edmond Sacco</u>** (xehed 30.06.2014), *Relationship Officer* fir-*Recoveries Officer* tal-BOV qal li r-Rikorrent ghandu 3 *house loans*, *business loan*, *consumer loan*. Sa mill-ftuh taghhom hu, bhala mpjegat tal-VFS kien vantaggjat. Hawn ta' taghrif kif ir-Rikorrent beda jaqa' lura u bdew ivarjaw ir-rati ta' mghax – dana wara li tkun ingibditlu l-attenzjoni. F'dan ir-rigward hu esibixxa, *seduta stante,* id-Dok ES1 sa 11. Hu mportanti li wiehed jaghti kas tad-dati ta' kollox u riferenza diretta qed issir ghalihom hawn izda mhux il-kaz ta' xi riproduzzjonijiet.

16. Ix-xhud spjega li drabi jkun hemm *moratorium* forsi ghax persuna tkun tilfet ix-xoghol, tkun l-isptar – affarijiet hekk. Pero' x-xhud ikun fil-gbir tad-debiti. Mistoqsi dwar kazijiet ohra (mpjegati tal-Bank u dawk mhumiex u bejn impjegati) qal li l-kaz tar-Rikorrent kien l-ewwel wiehed li ghadda f'idejh. Mid-dokumenti eventwalment esibiti hu wera l-andament mill-punto di vista ta' dati u kif ir-Rikorrent kien josserva jew le l-aggustamenti li kienu jiftehmu dwarhom. Id-decizjonijiet fir-rigward jittiehdu mill-Manager tal-fergha li tkun.

17. Mill-file relattiv jirrizultalu li r-Rikorrent kien hareg fuq *sick leave* b'paga shiha u sitt xhur ohra b'*nofs paga* izda, tenna li l-arrangamenti ma debitur ma jidholx fihom hu.

18. **<u>Ir-Rikorrent</u>** (xehed fit-13.01.2014) qal li sa mill-1999 hu kien ilu mill-1999 mpjegat bhala *messenger driver*, ghall-ewwel ma' Charles Borg li kien il-*head* tal-VFS u kien issuccedieh Kenneth Farrugia u ma' dan kien ilu ghall-ahhar sena u nofs approx. Kien jaghmel xoghol ta' xufier, posta, korrispondenza,

qadi, photocopies, "*all rounder*". Xoghol ta' messaggier normali. Dwar tgergir qal "tgergir dejjem fuq ix-xoghol" izda 13-il sena tahdem ma' Bank hu certifikat. Ghalkemm hu kien mall-VFS, dejjem kellhom x'jaqsmu mall-BOV.

19. Darba, ma jafx meta ezatt, qabdu ugigh f'sidru, fuq ix-xoghol, u ttiehed MATER DEI bl-ambulanza. Dam xi sena, ma jafx kemm ezatt, barra mix-xoghol. Kienu jarawh tobba tal-kumpanija u anke tieghu, dejjem b'certifikat lil VFS.

20. Imbaghad kien ircieva l-ittra biex jirritorna ghax-xoghol ghax kien spiccalu s-*sick leave* (Dok A u B mar-Rikors Promotur). Kien ghadu mhux b'sahhtu. Kienu jibghatuh ghand Dr. Jean Karl Soler u mbaghad inqala l-"misunderstanding" ta' Dr. David Attard t'Ta Qali Clinic. Semma li dam 20 minuta jistennieh u zied **<u>"nahseb li kien bizzejjed"</u>** (enfasi tat-TRIBUNAL). Qal li meta rcieva Dok A u B "jien ksaht". Wara rcieva ittra m'ghand l-ETC fejn jinghad li "jiena rrizenjajt" – Dok C, esibit *seduta stante*. Datat 19/9/2012. Hu ma kien iffirma xejn. Fl-istess udjenza esibixxa bhala Dok D, l-FS3.

21. Imbaghad ghadda bix fid-dettal spjega l-beneficcji li tilef rigward *loans* mall-BOV. Qal (meta xehed) li issa, ghal dawn l-ahhar tmien xhur sahhtu giet lura izda ghadu bla mpieg. Mistoqsi pproduciex xi certifikat mediku f'dan is-sens, wiegeb "ma ghandiex ghalfejn". Mill-isptar kien hareg wara tlett ijiem. B'riferenza ghas-sitt punti msemmija fl-affidavit ta' Kenneth Farrugia, ir-Rikorrent irreagixxa "dak x'qal hu". Hu qatt ma ffirma *warnings* u qatt ma nghata *warnings*. Ma jiftakarx li ntbaghtitlu ittra f'daru, kontenenti twissija, ghax it-tabib tal-BOV ma sabux id-dar.

22. Mistoqsi dwar l-union tieghu, qal li din kienet il-GWU u ma jafx x'kienet qed taghmillu. Lil Charles Galea (ara *para* 11 supra) qatt ma kellmu. Kellem lil Paul Micallef BOV. Ic-certifikati kien jibghathom kull 4 gimghat. It-Tnejn filghodu meta kien intalab jidhol ghax-xoghol, ghamel telefonata biex gharrafhom li ma setax jidhol ghax-xoghol minhabba l-istat ta' sahhtu. Mistoqsi lil min kellem, qal li halla messagg mar-*Receptionist*.

23. Meta rcieva l-ittra tal-ETC (Dok C) ipprova jiehu l-beneficju socjali u jirregistra ghax-xoghol, izda ma setax. Allura beda jfittex ix-xoghol. Gie hawn indikat lilu li fid-Dok C hemm indikat x'kellu jaghmel jekk ma jaqbilx mar-raguni tat-tmiem ta' mpieg bhala "resigned". Wiegeb: xi tridni nghidlu lill-imghallem; hasra, ha jbiddel id-decizjoni hu?

24. Meta rega’ xehed fl-udjenza tal-24/3/2014 elabora fuq dak li kien ga xehed, sew dwar beneficcji kif ukoll dwar mard. Irrifera ghad-differenza bejn impjegat vis-a-vis il-BOV u mhux impjegat fejn jidhlu *loans*. Is-sena *grace* li kellu minhabba mard, issa ghaddiet.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL qed hawn jaghrbel il-provi u, kif presedut, innota wkoll kollox dak li nghata bhala xhieda *viva voce* quddiemu. Qies ukoll is-sottomissjonijiet akkurati taz-zewg difensuri.

2. Punt importanti li jrid jigi ndikat u osservat hu li t-TRIBUNAL ghandu quddiemu parametrici ta’ kaz dwar tkeccija minn impieg allegata li hi ngusta mill-haddiem Rikorrenti u min-naha l-ohra ghandna s-Socjeta’ Ntimata, l-*employer*, li jichad dan.

3. Ir-Rikorrent, wara li gawda paga shiha ghal 6 xhur fuq *sick leave* u nofs paga ghas-sitt xhur ta’ wara, hu ma rritornax ghax-xoghol. Dana minkejja li b’ittra datata 30 t’Awwissu, 2012, (Dok B mar-Rikors promotur) hu gie mwissi li kien ezawrixxa l-perijodu ta’ *sick leave* kollu, li hu kellu jmur lura ghax-xoghol fit-03.09.2012 u li jekk jonqos “we would consider you as having abandoned your employment and in breached your contract of employment”. Ir-Rikorrent cempel l-ufficcju u jghid li halla risposta mar-*Receptionist* (li ma gharafx jidentifika) li hu kien ma jiflahx. Giet imbaghad l-ittra datata <u>**03.09.2012**</u> li qaltlu li billi ma kienx mar ghax xoghol kif indikat lilu kienu jikkonsidraw din l-assenza bhala “you having abandoned your employment which is therefore being terminated with effect from the date of this letter”.

4. L-*employer* gharraf b’dan lill-ETC u din il-Korporazzjoni, min-naha taghha b’ittra datata 19.09.2012 avzat lir-Rikorrent li l-*employer* kien ta’, bhala raguni ta’ tmien ta’ mpieg dik ta’ RESIGNED. Fl-istess ittra gie mgharraf li jekk ma jaqbilx ma’ din ir-raguni seta jitlob ittra ta’ spjegazzjoni lill-*employer* ecc. Ir-Rikorrent m’ghamel xejn minn dan u eventwalment gie ntavolat ir-Rikors odjern fl-24.10.2012. Naturalment, dan wahdu ma jwassalx ghall-konkluzzjoni izda <u>hu floku</u> li jitqies flimkien ma’ kull ma tressaq quddiem it-TRIBUNAL.

5. Kif immotiva l-azzjoni tieghu r-Rikorrent? Dan hu riprodott fil-*para* 2 *supra* taht PRELIMINARI. Min-naha tal-*employer* hu rribatta dawn il-motivi fir-RISPOSTA u DIKJARAZZJONI tal-KAZ, ara *para* 4 ta’ l-istess taqsima.

6. Jigi carat mill-ewwel li t-talba tar-Rikorrent tista’ tigi maqsuma fi tnejn:

a) Dikjarazzjoni ta' tkeccija ngusta u
b) Kundanna ghal hlas ta' kumpens finanzjarju mill-employer

Dan il-kumpens irid iqis it-tkeccija mill-impieg u konsegwenzi ta' zewg xorta li huma

(i) It-telf tal-paga meta haddiem jitlef xoghlu.
(ii) F'dan il-kaz partikulari, fl-impieg li kellu, r-Rikorrent kellu beneficcji specjali fejn jidhol self mill-BOV liema beneficcji ntilfu meta spiccalu l-impieg.

7. Hu naturali li jekk jigi deciz li t-tmiem tal-impieg ma kienx ingust u illegali dan igib il-konsegwenza li t-talba fir-Rikors ma tkun tista' tintlaqa f'xejn.

8. Hawn ghanda kaz ta' *sick leave* li beda meta r-Rikorrent hass ugiegh f'sidru waqt ix-xoghol u ssejjhet ambulanza li haditu MATER DEI fejn gie licenzjat wara tlett ijiem. Wara dan bdew gejjin ic-certifikati medici, wiehed wara l-iehor minn tobba privati. Kien hemm kazi meta ntbaghat tabib mill-Bank f'dar ir-Rikorrent bla pre avviz u lil dan ma sabux. Naturalment ma rrizultax li r-Rikorrent kellu kondizzjoni li biha ma seta johrog qatt mid-dar izda ncident partikulari ghandu certa tifsira. Kif kellu dritt jaghmel l-*employer* iffissa lir-Rikorrent appuntament ma' Dr. David Attard f'Ta' Qali Clinic ghad-9/4/2012 fis-2:30pm izda wara 20 minuta jistenna hu telaq. Qal li 20 minuta kienu <u>bizzejjed!</u> Qal li kien talab nota f'dan ir-rigward lir-*Receptionist* tal-Clinic li tathielu. Mitlub aktar minn darba biex igib din-nota, baqa' ma giebha qatt.

9. Is-Socjeta' ntimata qalet li matul l-impieg tieghu ir-Rikorrent nghata ghadd ta' *warnings*. Ghal dan ir-Rikorrent irreagixxa billi qal li hu qatt ma ffirma xejn. Min-naha wahda ma cahadx specifikatament u min-naha l-ohra qisu (hu xehed *viva voce*) kien qed jiehu dan b'leggerezza. Ovvjament, dawn wehidhom ma jwasslux ghal gustifikazzjoni ta' tkeccija imma, anke hawn, anqas ghandu t-TRIBUNAL jaghlaq ghajnejh u jsodd widnejh fir-rigward.

10. Fir-Rikors tieghu ir-Rikorrent, fil-parti (2) tal-motivi tar-Rikors jirriferi ghal terminazzjoni "diskriminatorja". Din intelqet bla ma tressqet ebda prova fir-rigward.

11. Illum wasalna fi zmien meta haddiem hu meqjus bhala rizorsa umana u s-success ta' azjenda, hi liema hi tiddependi hafna fuq din rizorsa li ghandha izda, sew drittijiet kif ukoll dmirijiet. Jidher li fil-kaz prezenti r-Rikorrent gawda mis-*sick leave entitlement* tieghu skond kif pattwit bejn *employer* u

haddiem u fi tmiem dan il-perijodu l-haddiem kellu d-dmir li jmur lura ghax-xoghol u mhux sahansitra jinjora t-tfakkira li saritlu fir-rigward u jsemmi semplici telefonata bla ma jista jispecifika xejn.

12. Mhux irrilevanti, fil-kuntest ta' kollox, li jigi osservat, li rapprezentant tal-GWU (Jos M. Galea) qabez ghar-Rikorrent, b'sens ta' xi arrangament jew kompromess vis-a-vis l-*employer* imma r-Rikorrent anqas deher li apprezza dan. Anzi injora l-parir li jidhol ghax-xoghol "u nehduha minn hemm".

13. Hu evidenti li t-tmiem ta' mpieg fil-kaz prezenti gabet lir-Rikorrent id-tbatija doppja ta' telf ta' paga u ta' telf ta' beneficcji dwar self. Izda t-tbatija hi konsegwenza li ma tikkostitwixxix prova dwar ir-regolarita jew le, legalita' jew le fir-rigward ta' tkeccija minn impieg. Jekk it-tbatija tigi ghax ir-Rikorrent ma osservax il-parti tieghu tal-kuntratt ta' mpieg, allura *imputet se ipse.*

IV DECIZJONI

In definitiva it-TRIBUNAL, meta jqis kollox, **jiddeciedi** billi jichad dak li talab ir-Rikorrent u dana billi ma jsib xejn ingust u bla bazi fil-ligi fit-terminazzjoni tal-impieg tar-Rikorrent da parti tas-Socjeta' Ntimata. Isegwi li t-talba ghal xi hlas ta' kumpens, mis-Socjeta' Ntimata lir-Rikorrent ghandha tigi michuda.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assistita l-partijiet fl-ammont ta' €93.17c.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)

Avv. Yana Micallef Stafrace
Chairperson

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**